# TRIBUNAL GHAL SERVIZZI FINANZJARJI

**PIERRE LOFARO LL.D.** *Chairman*
**JOSEPH KENELY M.S.C., A.C.M.A., F.I.A., C.P.A.A.** *Membru*
**MAGGUR FRANCIS X. NAUDI F.I.A., C.P.A.A.** *Membru*

Id-decizjoni tat-Tribunal wara t-talba maghmula permezz ta' applikazzjoni ppresentata fis-16 ta' Dicembru 1999 minn Assicurazioni Generali S.p.A. (Generali) sabiex tittrasferixxi l-kummerc fit-tul taghha f'Malta lil Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited (MSV)

**Illum, Il-Gimgha, 30 ta' Gunju 2000.**

L-applikazzjoni ta' Generali taqra hekk:-

*Illi permezz ta' dan ir-rikors is-socjeta' rikorrenti tinfurma lit-Tribunal ghal Servizzji Finanzjari illi hija lahqet ftehim, stante illi johrog l-approvazzjoni msemmi iktar l-isfel, fejn ser tigi trasferita il-portafoljo Malti tal-kummerc tal-assigurazzjoni fit-tul mis-sojeta' rikorrenti lis-socjeta' Middle Sea Valletaa Life Assurance Company Limited, liema zewg sojetajiet huma it-tnejn licenzjati sabiex jaghmlu negozju tal-assigurazjoni fit-tul;*

*Illi s-socjeta' rikorrenti qeghda tapplika lit-Tribunal ghal Servizzji Finanzjari ghall-approvazzjoni ai termini tal-artikolu 35 tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazjoni, 1998 ghat-trasferiment tal-portafoljo tal-kummerc tal-assigurazzjoni fit-tul mis-socjeta' rikorrenti ghal ghand s-socjeta' Middle Sea Life Assurance Company Limited.*

*Illi il-portafolio li ser jigi ittrasferit jikkontjeni l-poloz kollha ta' kemmerc tal-assigurazzjoni fit-tul tas-socjeta' rikorrenti min mindu bdiet taghmel dan it-tip ta' negozju hawn Malta sad-data effettiva tat-trasferiment, il-mertu ta' dan ir-rikors:*

*In konnessjoni mat-talba kontenuta f'dan ir-rikors ghall-approvazzjoni kif intqal fuq qieghdin jigu annessi il-ftehim iddatat 15 ta' Dicembru 1999 ghat-trasferiment tal-portafoljo immarkat bhala Dokument "A" u ir-rapport tal-"Independent Actuary" iddatat 16 ta' Dicembru 1999 dwar l-istess trasferiment tal-portafoljo immarkat bhala Dokument "B".*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob lil dan it-Tribunal ghal Servizzji Finanzjari sabiex joghgbu johrog l-approvazzjoni tieghu ai termini tal-ligi ghat-trasferiment tal-portafoljo tal-assigurazzjoni fit-tul mis-socjeta' rikorrenti ghal ghand s-socjeta' Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited taht dawk il-kondizzjonijiet li dihirlu li huma xierqa u opportuni.*

Illi Generali hija kumpannija li l-ufficcju principali taghha hu f'pajjiz barra min Malta. Fil-fatt l-ufficcju registrat taghha hu Piazza Duca degli Abruzzi, 2, P.O. Box 538, 1 – 34132 Trieste TS, L-Italja. Hija awtorizzata taht l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerx ta' l-Assigurazzjoni (l-Att) sabiex tmexxi kummerc fit-tul f'Malta u qeghda tipproponi li titmexxa skema li biha l-kummerc fit-tul kollu taghha f'Malta jigi trasferit lil MSV li hi kumpannija ohra awtorizzata that l-Att sabiex taghmel kummerc fit-tul f'Malta . MSV hi kumpannija li l-ufficcju principali taghha hu f'Malta u precizament Middle Sea House, il-Furjana.

Illi l-ftehim bejn Generali u MSV li jinkorpora l-iskema rigwardanti t-trasferiment minn Generali lil MSV tal-kummerc fit-tul kollu taghha f'Malta sar permezz ta' skrittura li ggib id-data tal-15 ta' Dicembru 1999.

Illa a tenur ta' l-Artikolu 35 ta' l-Att l-imsemmija skema trid tigi approvata minn dan it-tribunal.

Illi l-Artikolu 35 jelenka numru ta' htigiet li jridu jigu mharsa qabel ma dan it-tribunal ikun jista japprova l-iskema.

Illi llum it-tribunal hu sodisfatt illi dawn il-htigiet gew mharsa u precisament:-

(a) giet imharsa il-htiega – rikjesta mill-artilolu 35(2)(a) – li l-applikazzjoni jkollha maghha rapport fuq il-kondizzjonijiet ta' l-iskema minn attwarju independenti u dan billi ma l-applikazzjoni taghha Generali ssottomettiet rapport maghmul mill-attwarju indipendenti R.J. Laker.

(b) giet ukoll imharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(a) – li avviz li jghid li l-applikazzjoni tkun saret u li jaghti l-indirizzi tal-ferghat, agenziji u ufficcji li fihom, u z-zmien meta, kopji ta' l-applikazzjoni u tar-rapport ta' l-attwarju independenti jkunu jistghu jinkisb kif mehtieg mill-artikolu 35(3)(d) jkun gie pubblikat f'ghall-anqas zewg gazzetti lokali li johorgu kuljum li minnhom wahda tigi pubblikata bil-Malti u l-ohra bl-Ingliz b'dan li t-test ta' l-avviz ikun bil-Malti fil-gazzetta bil-Malti u bl-Ingliz fil-gazzetta bl-Ingliz.

    Fil-fatt din il-htiega giet ampjament sodisfatta ghaliex l-avviz gie pubblikat (a) bil-Malti fil-harga tal-21 ta' Dicembru 1999 tal-gurnal In-Nazzjoni (b) bl-Ingliz fil-harga ta' l-20 ta' Dicembru 1999 tal-gurnal The Times; (c) bil-Malti fil-harga tas-17 ta' Dicembru 1999 tal-gurnal L-Orizzont u (d) bl-Ingliz fil-harga tas-17 ta' Dicembru 1999 tal-gurnal The Malta Independent.

Billi l-kummerc fit-tul li Generali qeghda tipproponi li tittrasferixxi lil MSV ma jinkwadrax ruhhu fit-tip ta' negozzju kontemplat fl-artikolu 35(3)(a)(ii) il-htiega imsemmija f'dan l-artikolu rigwardanti l-pubblikazzjoni ta' l-avviz f'gazzetti esteri ma tapplikax ghat-trasferiment propost de quo.

(c) giet ukoll imharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(b) – li dikjarazzjoni li turi l-kondizzjonijiet ta' l-iskema, u li jkun fiha sommarju tar-rapport ta' l-attwarju indipendenti bizzejjed biex juri l-fehma ta' l-attwarju dwar x'aktarx ikunu l-effetti ta' l-iskema fuq detenturi ta' polza ta' kummerc fit-tul tal-kumpaniji koncernati, tinbaght lil kull wiehed mid-detenturi ta' polza u lil kull persuna ohra li tiddikjara li ghandha interess fil-polza inkluza fit-trasferiment propost u tkun tat avviz bil-miktub tad-dikjarazzjoni taghha lill-kumpannija cedenti – f'dan il-kaz Generali.

Fil-fatt din id-dikjarazzjoni intbaghtet lill-persuni imsemmija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Kopja kemm tat-test bil-Malti kif ukoll tat-test bl-Ingliz gew esibiti.

(d) giet ukoll imharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(c) – billi kopja ta' l-applikazzjoni, tar-rapport ta' l-attwarju indipendenti u ta' kull dikjarazzjoni imsemmija fil-paragrafu (c) precedenti gew notifikati lill-Awtorita Kompetenti cioe' lil Malta Financial Services Centre fis-16 ta' Dicembru 1999 u ghalhekk ukoll giet sodisfatta il-htiega li jridu jghadu mhux anqas minn tletin jum mid-data tan-notifca lil Malta Financial Services Centre sad-data ta' l-approvazzjoni minn dan it-tribunal.

(e) giet ukoll imharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(d) – billi kopji ta' l-applikazzjoni u tar-rapport ta' l-attwarju indipendenti thallew disponibbli biex ikunu spezzjonati f'kull wahda mill-ferghat, agenziji u ufficcji f'Malta tal-kumpanniji koncernati ghal zmien ta' mhux inqas minn tletin jum. Fil-kaz de quo il-perjodu kien bejn is-17 ta' Dicembru 1999 u l-31 ta' Jannar 2000. Oltre dan kopji tar-rapport ta' l-attwarju indipendenti tqeghdu disponibbli ghax-xiri minn dawk l-ufficcji u postijiet matul l-imsemmi perjodu mal-hlas ta' mhux aktar minn zewg liri, dan kif gie stabbilit min dan it-Tribunal.

Billi l-kummerc fit-tul li Generali qeghda tipproponi li tittrasferixxi lil MSV ma jinkwadrax ruhu fit-tip ta' negozzju kontemplat fl-artikolu 35(3)(d)(ii) il-htiega imsemmija f'dan l-artikolu rigwardanti d-disponibbilita tad-dokumenti imsemmija fl-artikolu 35(3)(d) f'post f'xi pajjiz esteru ma tapplikax ghat-trasferiment propost de quo.

(f) giet ukoll inmharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(a) – billi il-kumpannija cessjonarja cioe MSV hi diga awtorizzatta that l-artikolu 7 ta' l-Att biex tmexxi kummerc fit-tul tal-klassi li hija proposta li tigi trasferita lilha that l-iskema.

(g) giet ukoll imharsa l-htiega – rikjesta mill-artikolu 35(3)(b) – billi l-kumpannija cessjonarja cioe MSV ppruvat illi (I) wara li jkun meqjus it-trasferiment, ikollha l-margini ta' solvibbilita mehtiega li jinzammu that l-Att; u (ii) ir-rizorsi finanzjarji

taghha, konsegwentement ghat-trasferiment, huma bizzejjed biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet l-ohra mehtiega bl-att jew tahtu.

Fil-fehma tat-tribunal din hi wahda mill-htigiet l-aktar importanti minn fost dawk elenkati fl-artikol 35 u ghalhekk inghatat hafna attenzjoni. Billi l-prova rikjesta damet ma waslet din id-decizjoni ma setghetx tinghata qabel.

(h) fl-ahharnett billi l-kummerc fit-tul li Generali qeghda tipproponi li tittrasferixxi lil MSV ma jinkwadrax ruhu fit-tip ta' negozzju kontemplat fl-artikolu 35(6) il-htiega imsemmija f'din id-disposizzjoni rigwardanti n-notifika lill-awtorita regolatorja barranija ma tapplikax ghat-trasferiment propost de quo.

Illi l-artikolu 35(4) jaghti lill-Awtorita kompetenti cioe' lil Malta Financial Services Centre u lil kull detentur ta' polza li jallega li jintlaqat hazin jekk issir l-iskem l-jedd li jaghmlu rapprezentazzjonijiet bil-miktub.

Il-Malta Financial Services Centre mhux talli ghamelt rappresentazzjonijiet bil-miktub talli partecipat bis-shih u b'mod konstruttiv fis-seduti kollha li saru sakemm gie accertat illi l-htiega kollha rikjesti mill-artikolu 35, qabel ma dan it-Tribunal ikun jista japprova l-iskema proposta fil-fatt gew imharsa.

Numru ta' detenturi ta' polza affettwati bit-trasferiment propost ukoll ghamlu rappresentazzjonijiet bil-miktub. Ghalkemm mhux rkjest li jaghmel hekk bl-Att, it-tribunal stideinhom formalment sabiex jattendu u jesprimu ruhhom f'seduta li nzammet inter alia ghal dan l-iskop. L-ilment ta' dawn id-detenturi ta' polza kien l-istess u cioe' illi huma kienu kkontrattaw mal-Generali u issa f'daqqa wahda se jsibu rhhom assigurati ma socjeta ohra, cioe' MSV, ghal x'uhud minnhom propju dik is-socjeta li ma kienux ghazlu ghaliex ippreferew lil Generali.

It-tribunal spjegalhom illi din wehidha mhijix raguni valida sabiex l-iskema proposta ma tigix approvata. F'kaz ta' trasferiment ta' kummerc fit-tul ma japplikawx il-principji generali tad-dritt civili imma d-disposizzjoni specifiki ta' l-artikolu 35 u dan kif jikkontempla ukoll l-artikolu sussegwenti cioe' l-artikolu 36.

Illi ghalhekk dan it-tribunal wara li ha konjizzjoni tar-rappresentazzjonijiet tal-Malta Fincancial Services Centre, li hi l-Awtroita Kompetenti fil-materja, kif ukoll ta dawk id-detentrui ta' polza li ghamlu rappresentazzjoni u wara li acceta ruhu li l-htiegiet kollha kkontemplati fl-artikolu 35, li jridu jigu mharsa qabel l-iskema proposta tkun tista tigi minnu approvata, fil-fatt gew imharsa, ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi japprova fil-intier taghha l-iskema skond kif proposta fil-ftehim tal-15 ta' Dicembru 1999 bejn Generali u MSV, liema ftehim, li jinsab esibit a fol 7 A tal-process ta' dawn il-proceduri, qieghed jigi ukoll iffirmat mill-membri ta' dan it-tribunal.

Fl-ahharnett it-tribunal:-

(1) iffkakkar lil MSV illi a tenur tal-artikolu 35(7) hija ghandha fi zmien ghaxart ijiem minn illum tiddeposita zewg kopji ufficcjali ta’ din l-approvazzjoni ma l-Awtorita Kopetenti:

(2) tirrakomanda lil MSV sabiex fil-granet li gejjin tinforma lid-detenturi ta’ polza u lil kull persuna ohra li ddikjarat li ghandha interess f’xi polza inkluza fit-trasferiment de quo b’din l-approvazzjoni.